MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 505/2006

**Vince Mifsud I.D. 7455M u Rita Mifsud I.D. 74750M**

**Vs**

**Paul u Elizabeth Attard Portughes**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fil-5 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu l-atturi talbu sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin Lira u hamsin centezmu (Lm862.50) rapprezentanti hsarat ikkagunati fil-post ta` l-atturi u cioe` f'24, Sagra Cour, Triq I. Calleja, B'Kara. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-iitra ufficjali datata 10 ta' April 2006 u bl-imghax.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti pprezentata fl-20 ta' Gunju 2006 li permezz taghha ecceppew preliminarjament illi kunjom il-konvenuti mhux Portugese izda Attard

Portughese u ghaldaqstant hemm bzonn li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni, fil-mertu illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-hsarat allegatament sofferti mill-atturi l-konvenuti bl-ebda mod ma kienu responsabbli. Salv kull ecezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni ta-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi t-talba hija dik ta' kumpens ghal hsarat allegatament sofferti mill-atturi fil-fond taghhom u maghmula mill-konvenuti, ammontanti ghal tmien mija u tnejn u sittin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm862.50).

Illi in sostenn ta' dan xehdet l-attrici (24.10.06) li spjegat illi l-konvenuti jirresjiedu fil-fond sovrastanti ghal dak ta' l-attrici u li l-hsarat huma fil-kamra tal-banju, fit-terrazzin u fil-garaxx.

Hi tispjega l-hsarat sofferti fil-fond taghha u tghid illi dawn il-hsarat bdew madwar 10 snin ilu, meta dahhlet fil-post. Tghid "*meta zzewwigna ahna, il-konvenuti diga` kienu joqghodu fil-post sovrastanti, u jien x'hin dhalt fil-post bdejt mill-ewwel insewwi l-affarijiet*".

Tghid illi kellha problemi fit-terrazzin li rrangat hi u bdew jizviluppaw problemi ohra wara li rranngat fl-2002/03. Tghid illi meta ghamlet ix-xogholijiet taghha "*kont biddilt l-mhedda tad-drains ta' l-ilma tal-bejt tal-konvenuti*". B'dana kollu tghid illi l-ilma fit-terrazzin qed tarah banda ohra u mhux fejn sar il-bdil fid-drains.

Il-Perit Paul Buhagiar, prodott mill-atturi, ikkonferma DOK VM1, data 15 ta' Mejju 2006. Il-Perit sostna fir-rapport illi l-hsara fil-fond ta' l-atturi hija konsegwenza ta' "*nuqqas ta` tiswija xierqa u manutensjoni fil-mezzanin ta' fuq*". Jghid

wkoll illi l-istima tieghu fl-ammont ta’ tmien mija u disgha u tletin Liri Maltin (LM839) tinkludi spejjes li gia saru u ohrajn li ghad iridu jsiru.

L-attur xehed (28/02/07) illi l-hsarat li qed jintalbu f’din il-kawza “*graw minn 3 snin l’hawn*”.

Il-konvenuti jsostnu illi ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat sofferti mill-atturi. Il-konvenut xehed (18.06.07) illi qatt ma tkellem fuq hsarat, u meta kien rcieva ittra u mar ikellimhom, l-attrici kienet irrispondietu biss “*issa niltaqghu l-Qorti u naraw il-Qorti*”. Jghid illi kien kellmu lill-assikurazzjoni tieghu li baghtet Perit li minn naha tieghu irilaxxja certifikat – Dok PAP. Jghid illi l-pajpijiet ta’ l-ilma tal-kamra tal-banju tieghu ghaddejjin min barra. Il-konvenuta kkonfermat dak kollu li qal zewgha.

Ikkunsidra wkoll :

Illi r-rapport tal-Perit Valentino, datat 27 ta’ Gunju 2006, jghid illi l-propjetajiet smati li ghandhom 40 sena. Spezzjoni l-ilmenti ta’ l-attrici u dwar il-allegat hsarat, dawn jiddeskrivuhom bhala “*very minor*” u illi jinhtiegu “*cosmetic treatment*”. Jghid wkoll pero` illi <u>l-hsara originat mill-fond tal-konvenuti</u>.

Dwar il-hsarat fil-kamra tal-banju tal-attrici, l-Perit Valentino jghid “*this damage was caused by a leak in Mr Attard Portughese’s bath drain which went unnoticed for many years*”.

Ikkunsidra :

Illi minn dan ir-rapport peritali biss prodott mill-istess konvenuti jirrizulta illi r-responsabbilita` ghall-hsarat sofferti mill-atturi iridu jerfugha l-konvenuti. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk it-Tribunal propens jaccetta t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti.

Jibqa pero` l-kwistjoni tal-quantum. Is-somma mitluba hija dik ta’ tmien mija u tnejn u sittin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm862.50). It-Tribunal ghamel ezami tal-

prospett redatt mill-Perit Buhagiar (fol 22-23) u meta iqis wkoll id-dokumenti esebiti bin-nota tat-30 ta' April 2007, jasal biex jikkonkludi illi s-somma dovuta hija ta` tmien mija u sebgha u hamsin Liri Maltin (LM857), mahduma hekk :

- item 1.03 minn Lm472 qed titnaqqas ghal Lm400 skond ricevuta a fol 31
- Mar-rizultanti seba` mija u sebgha u sittin Liri Maltin (LM767) – (allura Lm839 neqsin Lm72) – iridu jizdiedu disghin Liri Maltin (Lm90) rapprezentanti l-ircevuti a fol 32 u 33 tal-process, ghal total globali ta' tmien mija u sebgha u hamsin Liri Maltin (LM857).

Illi l-konteggi u l-istimi maghmula mill-Perit Buhagiar u l-ircevuti esebiti lanqas ma` jidhru illi gew ikkontestati mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu u wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi.filwaqt illi jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti (l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata fil-kors tal-kawza), jilqa` t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tmien mija u sebgha u hamsin Liri Maltin (LM857) u jikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u sebgha u hamsin Liri Maltin (Lm857), bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------